MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 205/2006

**A B**
**Vs**
**C D E**

**Il-Qorti**,

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li minn relazzjoni ta' bejniethom il-partijiet ghandhom zewgt-it tfal, F u G, li twieldu rispettivament fil-5 ta' Lulju 2002 u fit-18 ta' April 2004; li fit-13 ta' Gunju 2006 l-attrici pprezentat, u eventwalment ottjeniet, mandat ta' inibizzjoni sabiex twaqqaf lill-konvenut, cittadin Egizzjan, milli jiehu liz-zewgt uliedhom minuri barra minn Malta; li l-konvenut ghandu familjari barra minn Malta, u ghandu mezzi sufficjenti sabiex jistabbilixxi r-rezidenza tieghu barra minn Malta; li l-attrici ghandha biza' li l-konvenut jahrab minn Malta flimkien mat-tfal minuri tal-partijiet; ghalhekk qed titlob li din il-qorti tordna li: [1] il-

konvenut jigi inibit milli johrog lill-imsemmija minuri barra minn Malta, sakemm dawn jsiru maggjorenni; [2] li l-minuri F E u G E ma jithallewx johorgu minn Malta minghajr il-permess ta' din il-Qorti; [3] li l-konvenut ghandu jiddepozita l-passaport tal-minuri ma' din il-Qorti, jew ma' awtorita' kompetenti ohra nominata minn din il-istess Qorti; [4] li d-Direttur tal-Passaport u l-Ufficjal Ewlieni fl-Ufficju tal-Passaporti u lill-Awtoritajiet Kompetenti sabiex ma jinharigx passaport ghaz-zewg minuri minghajr il-kunsens taz-zewg genituri; [5] "tordna u tawtorizza" lid-Direttur tal-Passaport u l-Ufficjal Ewlieni fl-Ufficju tal-Passaporti sabiex inehhi lit-tifla minuri minn fuq il-passaport tal-konvenut; bl-ispejjez

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut, u minn din ir-relazzjoni kellha zewgt-it tfal, F u G, li ghadhom minorenni. Sussegwentement il-konvenut telaq lill-attrici, u fil-prezent ghandu relazzjoni man-neputija taghha; u t-tfal qed joqghodu maghhom.

L-attrici kienet ghamlet xi zmien ghall-kura fl-Isptar Monte Carmeli. Tghid li hi ghandha biza' li l-konvenut, li hu cittadin Egizzjan, u li mieghu qed jghixu t-tfal, jsiefer bihom ghal kollox, u b' hekk hi ma tarahomx izjed. Hi tghid li gieghli kien jhedded lilha li ser jaghmel dan.

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti, hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici; u ghall-fini tat-tielet talba tordna li l-konvenut fi zmien

gimgha jiddepozita fir-Registru ta' din il-Qorti l-passaporti tal-minuri; bl-ispejjez a kariku tal-konvenut.

Tordna li, a kura ta' l-attrici, din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Passaporti u l-Ufficjal Ewlieni tal-Passaporti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------